# Il-Messaġġ tal-ikona

sem&u

Diċembru 2017
Ħarġa nru 7

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

Is-silta li din is-sena qed iddawwal u takkumpanja lill-komunità tas-Seminarju hija dik taż-żjara ta' Ġesù lill-aħwa Marta u Marija fid-dar ta' Betanja (*Lq* 10:38-42). Din il-paġna tal-Vanġelu hija rrappreżentata fix-xbieha li ġiet imqiegħda fil-Kappella ħalli tfakkar ta' kuljum fis-sejħa li għandna biex nikbru fir-rabta tagħna ma' Kristu. Infatti, f'linja mat-tradizzjoni ikonografika, ix-xbieha tgħin lil min jaraha (jew aħjar, lil min *jaqraha*) sabiex jidħol aktar fil-misteru ta' Kristu.

Kif jispjega Vincent Mangani li ġie mqabbad mis-Seminarju sabiex iħejji din l-"ikona", l-**ambjent** juri li qed isseħħ ġewwa. Skont it-tradizzjoni ikonografika, dan jiġi mfisser billi jitpoġġa l-bini fuq iż-żewġ naħat tal-ikona u biċċa drapp li tgħaqqadhom flimkien. Ġesù jżur id-dar tal-aħwa, dik id-dar ta' Betanja, li tevoka "l-lukanda" (litteralment, "id-dar li tilqa' kollox u lil kulħadd") li jsemmi Luqa dritt qabel din is-silta bil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (cfr *Lq* 10:34). Hekk aħna mistiedna biex nilqgħu personalment lil Ġesù fil-kamra ta' ġewwa tagħna (cfr *Mt* 6:6) u nilqgħuH anki fil-preżenza ta' xulxin u tal-proxxmu.

Fl-"ikona" il-figura ta' **Kristu** hija waħda majestuża: huwa l-**Pantokrator** bilqiegħda fuq it-tron. It-tarġa taħt saqajh turi s-setgħa; l-iskroll apparti l-Bibbja, juri l-awtorità li jgħallem filwaqt li bl-id l-oħra jbierek. Fuq l-iskroll ġew miktuba l-kelmiet – skont il-verżjoni tal-Bibbja ta' Saydon – "ħaġa waħda hi bżżejjed..." (*Lq* 10:42). Hu meħtieġ li fis-snin tal-formazzjoni s-seminarista jagħraf aktar lil Kristu bħala l-Mulej li mingħandu ġejja kull barka; l-Imgħallem li għandu jisma' minnu; is-Sid li għandu jaqdiH bil-fedeltà billi jagħżel dik il-ħaġa waħda li hi biżżejjed – li joqgħod miegħU u jisma' minn kliemU – fuq kull taħbit u tħassib ieħor.

Fil-parti tan-nofs tax-xbieha naraw lil **Marija** – hija figura ta' daqs ċkejken li tfisser l-atteġġjament ta' ċkunija ta' min jagħti qima sinċiera lil Mulej. Dan hu mfisser ukoll fil-pożizzjoni tagħha għarkupptejha, b'id lesta tilqa' l-Kelma ta' Kristu u bl-oħra mgħottiha bil-mant b'sinjal ta' rispett (in-nisa kienu jersqu quddiem l-Imperatur b'idejhom mgħottijin). Min-naħa l-oħra, **Marta** tinsab fil-parti l-oħra tal-"ikona", b'reċipjent f'idejha biex tfakkarna li kienet aljenata bit-tħassib u l-inkwiet fuq ħafna ħwejjeġ (cfr *Lq* 10:41). Fuq in-naħa t'isfel tal-ikona hemm imbagħad il-frażi mis-silta, li fi spirtu ta' talb il-komunità tas-Seminarju għażlet għal din is-sena: *niżlet f'riġlejn il-Mulej tisimgħu* (cfr *Lq* 10:39).




L-**ispazju vojt** fin-nofs hu maħsub sabiex min jikkontempla din ix-xbieha jqiegħed ukoll lilu nnifsu, huwa u jagħraf li hu wkoll imsejjaħ biex jagħżel l-aħjar sehem, sabiex l-azzjoni tiegħu tkun frott il-kontemplazzjoni, u hekk kull ħidma tibda u tintemm fi Kristu Ġesù.

Ħajr lis-Sur Vincent Mangani għall-ispjegazzjoni tad-dettalji ikonografiċi.

## Il-Komunità tagħti merħba...

...lil Dun Anthony Bajada bħala id-Direttur tal-Propedewtika

...lis-Seminaristi l-ġodda Franklin Micallef (mill-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem) u Matthew Borg (mill-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra)

## Smajna fuq li smajna...

Smajna fuq li smajna... is-seminaristi Għawdxin marru l-Gwatemala! Saru attivitajiet b'risq din il-missjoni, kuntatti, intervisti, laqgħat fuq laqgħat u preparazzjonijiet. Seminarju li għall-ewwel darba f'mija u ħamsin sena minn mindu twaqqaf mar f'art tal-missjoni. Mar jiltaqa' ma' Dun Anton Grech, missjunarju Għawdxi fil-Gwatemala ġewwa l-Amerika Latina.

Is-seminarju ried jagħmel eku ta' dak li Mons. Isqof Mario Grech kien qal xhur qabel, waqt velja ta' talb li saret fl-istess seminarju. Hemm huwa wera x-xewqa li s-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' jkun seminarju missjunarju u ried li 'din il-kelma tinkiteb fuq il-ħajt'. Kelma qawwija li ma setgħetx tibqa' biss fil-memorja. Kienet kelma li kompliet tħeġġeġ u timbotta lill-*formators* u lis-seminaristi biex fl-aħħar ġranet ta' Ġunju, ir-Rettur, il-Viċi-Rettur, id-Direttur Spiritwali, id-Djaknu, Saċerdot novell u s-seminaristi li kienu qed jagħmlu l-formazzjoni tagħhom fis-seminarju telqu għal din il-missjoni.

X'kien hemm jistenniena? Vjaġġi twal qalb il-ġungla biex immorru niltaqgħu ma' komunitajiet ċkejkna li għandhom ix-xorti jaraw biss is-saċerdot xi għaxar darbiet fis-sena. Niċċelebraw l-Ewkaristija magħhom, inferrħu t-tfal bil-logħob u bl-għotjiet ta' ħwejjeġ u ħelu. Ċelebrazzjonijiet ta' magħmudijiet u omeliji mis-saċerdoti u d-djaknu. Ferħ u ċapċip bil-preżenza tagħna fosthom. Ħattejna wkoll wieħed miż-żewġ kontejners li konna imlejna qabel ma tlaqna. Rajna u missejna ftit mill-ħidma ta' missjunarju Għawdxi, mimlija ferħ u tbatija. Morna miegħu fil-ħabs, iċċelebrajna l-Ewkaristija u ltqajna mat-tbatija li forsi taraha biss fil-*films*.

U xi ngħidu għal dik id-dar li berikna? Dar ċkejkna li bnejna flimkien, seminaristi u saċerdoti, nħammġu jdejna ngorru l-ġebel, is-siment, it-trab. Inħaffru l-pedamenti, ninpalaw...qalb sħana umida. U fl-aħħar naraw il-wiċċ ferħan ta' mara marida fil-*wheelchair* u ta' binha diżabbli flimkien mal-missier li issa ser jgħixu ftit aħjar milli kienu, b'ċerta dinjita', imma fl-istess waqt mdawrin bl-imħabba mhux biss tagħna imma wkoll ta' ħafna nies li offrew il-flus biex dan il-miraklu seta' jseħħ.

Sa issa dak li ntqal huwa ftit wisq għal dak li din l-esperjenza missjunarja ħalliet fil-qiegħ nett tal-qalb ta' żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju. Messew b'idejhom mirakli. Kull wieħed minnhom għandu storja twila x'jirrakkonta, ta' kif iltaqa' huwa mal-Mulej fil-preżenza ta' nies li jgħixu fil-faqar, għatxana għal Kristu. Storja li ħalliet marka fuq kif jistgħu jħobbu u jgħinu lill-Knisja iktar u aħjar, b'mod partikolari fil-foqra. Raw ukoll is-sbuħija ta' Knisja ħajja li titlob u tkanta, b'qalb miftuħa għall-oħrajn. Komplew jiftħu l-orizzonti tagħhom ta' x'inhi l-Knisja li huma msejħa jaħdmu fiha. It-tixtrid tal-Vanġelu m'għandux konfini!



Waqt iċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re. smajna l-kelmiet ta' Mons. Isqof itambru mill-ġdid fuq il-missjoni: "Għandna bżonn insiru iżjed missjunarji fis-sens li l-azzjoni pastorali tagħna tpoġġina f'atteġġjament kontinwu ta' ħruġ u hekk tiffavorixxi t-tweġiba pożittiva ta' dawk kollha li lilhom Ġesù joffri l-ħbiberija tiegħu...*u jkompli*, Kif jafferma l-Papa, kull min hu mgħammed għandu jistqarr: "*Jien missjoni fuq din l-art u għalhekk ninsab fid-dinja*... Aħna mmarkati bin-nar minn din il-missjoni li ndawlu, inbierku, ngħajxu, inserrħu, infejqu, neħilsu." Kliem li reġgħu messew korda partikolari fil-qalb tagħna.

Imma l-preżenza ta' Carlos f'dik iċ-ċelebrazzjoni kienet tfisser ħafna wkoll. Carlos huwa żagħżugħ mill-Gwatemala li konna ltqajna miegħu hemmhekk u kienet xewqa tal-isqof tiegħu li huwa jibda l-kors għas-saċerdozju fis-seminarju tagħna. Is-seminarju tagħna laqgħu fostna. U Carlos qed ikompli ifakkarna u jkabbar fina l-qalb missjunarja, fil-linja tal-Isqof tagħna u ta' Papa Franġisku.

Dun Alex Refalo
*Direttur spiritwali*

Il-Bord Editorjali, is-Superjuri tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw
*il-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja kollha, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi tas-Seminarju.

# Mill-Għatba ’l Ġewwa...

Il-komunità tas-Seminarju reġgħet lura għal sena oħra ta’ formazzjoni nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Settembru. Fil-jiem ta’ wara sar l-irtir tal-bidu tas-sena. Il-Ġimgħa 29 ta’ Settembru **ngħata bidu għas-sena akkademika** permezz tal-Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.

Fl-ewwel Ħamis tax-xhur ta’ Ottubru u ta’ Diċembru fil-Kappella tas-Seminarju saru ġranet ta’ **talb għall-vokazzjonijiet.**

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa **Missjunarja** ġew organizzati xi attivitajiet fothom: quddiesa għand is-Sorijiet Klarissi, laqgħat lil xi klassijiet tal-Iskola Medja tal-Kulleġġ t’Għawdex u laqgħa lill-istudenti kollha tal-iskola tas-Seminarju Minuri bit-tema: *Iż-żgħażagħ tama tal-Missjoni*. Fil-weekend tat-28 u d-29 ta’ Ottubru l-komunità tas-Seminarju inġabret f’ *Dar Stella Maris*, iż-Żebbuġ għal ***Human Formation Weekend***. Dan tmexxa minn Dr Nicholas Briffa, psikologu u sesswologu. It-tema kienet dwar is-sesswalità u l-aspetti kollha li jduru magħha.

Nhar is-Sibt 4 ta’ Novembru is-Seminarju tagħna għalaq **151 sena mill-ftuħ tiegħu**. Dakinhar filgħodu l-Isqof għadda messaġġ lis-seminaristi waqt it-talb tat-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum.

Nhar l-Erbgħa 8 ta’ Novembru, Dr Marlene Cauchi mexxiet **laqgħa ta’ formazzjoni** dwar metodi ta’ riċerka bl-*internet*.

Nhar il-Ħamis 9 ta’ Novembru, filgħodu, is-seminaristi marru mixja jew kif inhi magħrufa magħhom bħala ***Lungo Passeggio***. Din is-sena b’differenza mis-soltu din il-mixja saret f’Malta.



**L-Ikla ta’ San Martin...** għal sena oħra nhar is-Sibt 11 ta’ Novembru bil-għajnuna tal-*Aħwa Ħbieb tas-Seminarju* u diversi voluntiera saret din l-ikla marbuta mal-festa ta’ San Martin ta’ Tours bl-iskop ta’ ġbir ta’ fondi għas-Seminarju tagħna.

Nhar is-17, 19 u 25 ta’ Novembru fuq il-palk tas-seminarju ttella’ id-dramm **‘Il-Ħmar ta’ Alla’**.

*Ġimgħa Vokazzjonali f’Ta’ Sannat...* bejn il-Ħadd 26 ta’ Novembru u l-Ġimgħa 1 ta’ Diċembru s-seminaristi żaru diversi djar tal-abbatini, adoloxxenti u żgħażagħ u mexxew laqgħat fiċ-Ċentru Parrokkjali u l-MUSEUM.

Is-Sibt 2 ta’ Diċembru ngħata bidu għas-sena liturġika l-ġdida permezz tat-**Tħabbira tal-Avvent** mir-Rettur u bil-preżentazzjoni tal-ikona tas-sena miktuba minn Vincent Mangani.

Nhar l-Erbgħa 6 ta’ Diċembru, Dr Andrew Azzopardi mexxa **laqgħa ta’ formazzjoni** dwar *Maintaining Professional Boundaries in Social Networking: Where to draw the line.*

Il-Komunità ċċelebrat l-**Immakulata Kunċizzjoni** permezz ta’ diversi funzjonijiet liturġiċi fil-kappella tas-Seminarju.



**In-Nunzju fostna...** nhar il-Ħamis 14 ta’ Diċembru l-E.T. Mons. Alessandro D’Errico, Nunzju Appostoliku għal Malta u l-Libja żar is-seminarju. Hu ltaqa’ mal-*formators, lecturers* u seminaristi u komplejna naqsmu dan il-mument fratern permezz tal-Ewkaristija u l-pranzu.

**Attivitajiet tal-Milied...** fost dawn wieħed ta’ min isemmi l-attività għall-abbatini u għall-gruppi tal-vokazzjonijiet, il-Quddiesa fl-għar u fl-aħħar, il-Ġimgħa 22 ta’ Diċembru, l-attività flimkien mal-familjari tas-seminaristi. Is-Semnaristi jirritornaw fis-Seminarju nhar it-Tnejn 8 ta’ Jannar 2018.

# Mill-Eku tal-150 Sena...

*L-Esperjenza Missjunarja fil-Gwatemala... mill-21 ta’ Ġunju sat-12 ta’ Lulju... esperjenza memorabbli...*



*Il-Ħmar ta’ Alla... dramm kontemporanju b’messaġġ għal kulħadd... kitba ta’ Joe W. Psaila u direzzjoni ta’ George Mizzi... preżentazzjoni tal-Gozo Creative Theatre Club...*

